**237. Il-Ministru tal-Edukazzjoni u Intern l-Onor. Ugo Mifsud Bonnici jipproponi**:

Billi l-Gvern ta' Malta beħsiebu jagħti b'ċens lil Birkirkara Football Club il-fond f'Birkirkara magħruf bħala s-Suq kif hu deskritt aħjar fl-abbozz ta' ftehim imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra, għaż-żmien, biċ-ċens u taħt il-kondizzjonijiet li jinsabu fl-istess abbozz;

U billi huwa maħsub fil-paragrafu (c) tas-subartikolu (1) tal-artikolu 3 tal-Att tal-1976 dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern li art li tkun proprjetà tal-Gvern jew amministrata minnu tista' tiġi trasferita "skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati li tkun fis-seħħ fil-ħin tat-trasferiment";

U billi huwa xieraq li t-trasferiment fuq imsemmi jsir skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad- Deputati;

Għalhekk huwa b'dan riżolut li l-fond f'Birkirkara magħruf bħala s-Suq deskritt aħjar fl-abbozz tal-ftehim li jinsab imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra jiġi mogħti b'ċens lil Birkirkara Football Club għaż-żmien, għall-iskop u skond il-pattijiet u kondizzjonijiet imsemmijin fl-istess abbozz.

20.06.1990